**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT**

**LAQGĦA NUMRU 18 – IT-TLIETA, 10 TA' JANNAR 2012 FIS-6.00PM**

Il-Kumitat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Dr Frank Bartolo | Chairman |
| Alfred Mangion | Viċi Chairman |
| Robert Vella Bonnici | Membru |
| Janet Barthet | Membru |
| Salvatore Mousù | Membru |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

**1 Minuti Numru 17**

1.1 Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-minuti. Dr Frank Bartolo ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-sur Robert Vella Bonnici ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Kommunikazzjoni mic-*Chairman***

2.1 Iċ-*Chairman* awgura lil kullħadd is-sena t-tajba, u rringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv tal-ħidma tiegħu.

2.2 Il-Kumitat ġie nfurmat li beda l-kuntrattur il-ġdid tal-knis fil-Kappara. Kien hemm konsensus li qed jagħmel xogħol tajjeb ħafna.

2.3 Ġiet diskussa l-ittra mis-Sur Michael Micallef rigward it-talba tiegħu biex iż-*zebra crossing* ma tiġix quddiem id-dar tiegħu. Kien hemm qbil li għandna niktbu lil *Transport Malta* rigward din il-possibiltà.

2.4 Ġie deċiż li tintbagħat imejl lil KRVAG biex tiġi *acknowledged* l-imejl tagħhom tat-28 ta' Diċembru 2011.

2.5 Inqrat l-ittra mill-MEPA fejn qed niġu mgħarrfa li minħabba l-ittra li kienet inbagħtet rigward il-proġett tar-*roundabout* tal-Kappara, is-Segretarju Eżekuttiv huwa magħruf bħala *Official Objector*.

## 3 Affarijiet Oħra

3.1 Saret diskussjoni rigward l-iskips tal-Kappara. Ġie deċiż li għandhom jitneħħew meta jitneħħew il-kumplament tal-iskips ta' San Ġwann. Kien hemm qbil unanimu li għandha tinbagħat ittra lir-residenti.

3.2 Saret diskussjoni fuq id-*double yellow lines* li hemm fi Triq iċ-Ċiefa kantuniera ma' Triq il-Gallina. Ġie deċiż li tinbagħat ittra lil Transport Malta rigward dawn id-*double yellow lines*.

3.3 Saret diskussjoni rigward Memo 122/11 fondi għal restawr żgħir. Il-Kumitat ġie nfurmat li l-Kunsill għażel il-Kappella ta' San Ġwann tal-Għorgħar. Is-Sur Mousù ippropona t-Torri ta' Ċieda. Hu offra li jipprovdi l-pjanti u l-proposti biex il-Kumitat japplika għal din l-iskema għat-Torri ta' Ċieda.

Il-laqgħa spiċċat fit-7.40.pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 14 ta' Frar 2012 fis-6.00pm.

______________________________ ______________________________

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Dr Frank Bartolo**
**Chairman**